

**Brussell, 15 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

12597/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0269 (NLE)**

**ECOFIN 1140
UEM 427
FIN 1044
ECB
EIB**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - il-Portugall – Adozzjoni

1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, kif tinsab fid-dokumenti 10149/21 + ADD 1 REV 1, approvat il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") tal-Portugall f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241.
2. Dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata aktar tard fis-17 ta' Ottubru 2023, skont l-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokumenti 13351/23 + ADD 1 REV 1, fit-8 ta' Ottubru 2024 skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokumenti 13497/24 + ADD 1 u fit-13 ta' Mejju 2025 skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif jinsab fid-dokumenti 8055/25 + ADD 1.
3. Fit-18 ta' Lulju 2025, il-Portugall għamel talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 fuq il-bażi li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb għalkollox minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, il-Portugall ippreżenta RRP emendat.
4. Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Portugall ma

jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

5. F'dan il-kuntest, filwaqt li taġixxi abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-2 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tal-15 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall, li tinsab fid-dokumenti ST 12467/25 u ST 12467/25 ADD 1.
6. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fit-12 ta' Settembru 2025 u laħaq qbil dwar it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
7. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif finalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti ST 11491/25 u ST 11491/25 ADD 1.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':
 - a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall, kif tinsab fid-dokument 11491/25, u
 - b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall, kif jinsab fid-dokument ST 11491/25 ADD 1, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt A" f'waħa mil-laqgħat tiegħu li jmiss.